Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 165/2013

**Mario Zaffarese (appellat)**

**vs**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (appellanti)**

30 ta' Jannar, 2017.

Permezz ta' rikors, ir-rikorrent Zaffarese talab lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva sabiex, *"ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta bid-data tat-23 ta' Settembru 2013 u dan bl-ispejjez kontra l-istess Awtorita'."*

Permezz ta' risposta, l-Awtorita' intimata wiegbet illi, *"fil-mertu, id-decizjoni tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta hija wahda gusta u in konformi mal-ligi u ghandha tigi konfermata stante li* [...] *il-fatti ma humiex kif esposti mir-rikorrent fir-rikors tal-appell tieghu izda kif stabbilit mill-Bord tar-Rappresentazzjonijiet Trasport Malta".*

Permezz ta' sentenza moghtija fl-24 ta' April 2015, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva laqa' t-talba tar-rikorrent.

Illi minn din is-sentenza appellat l-Awtorita' intimata. L-aggravji huma:

1. It-Tribunal skarta fatti stabbiliti u pruvati li waslu ghal konkluzjoni zbaljata fid-decizjoni li wasal ghaliha. Jidher li t-Tribunal skarta ghal kollox ix-xhieda ta' Raymond Agius SCO 60[1] u dik ta' Charlie Frendo[2], li tikkontrasta bil-kbir ma' dak li xehed ir-rikorren t. Sew Agius kif ukoll Frendo xehedu li fil-*van* kien hemm hames passiggiera. Min-naha tieghu, l-attur appellat iddikjara li l-imghallem tieghu qallu biex imur jghabbi tlett (3) passiggieri;

Illi fil-konkluzzjoni tieghu t-Tribunal donnu kkonkluda illi l-passiggieri kienu gia' ngaggaw is-servizz tal-appellat u ghalhekk ma hemmx ksur tal-Artikolu 42. Illi anke jekk ghal mertu tal-argument wiehed jaccetta, li ma kienx il-kaz, illi tlieta (3) mill-

[1] a fol 37-40.

[2] a fol 43-44.

passiggieri kienu pprenotaw is-servizz, ma ngiebet l-ebda prova illi r-rimanenti tnejn l-ohra kienu wkoll ipprenotaw dan is-servizz.

2. Fil-fatt li t-Tribunal wasal ghal interpretazzjoni zbaljata tar-Regolament 42 tar-Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri u in oltre' nverta l-Oneru tal-prova fuq l-istess Awtorita' Appellanti meta dan m'ghandux ikun il-kaz.

Illi gie sottomess illi ma ghandu qatt ikun il-kaz illi l-Awtorita' appellanti titpogga f'impossibilita' tal-prova. Illi l-ligi tobbliga li biljett jigi moghti lill-individwu, jitwahhal mal-*wind screen* u fejn hu permess li kontravenzjoni tigi rekordjata permezz ta' strument elettroniku, dan jigi notifikat fi zmien tmienja u erbghin (48) siegha.

Illi dwar min ghandu jigi emnut fix-xhieda moghtija, minn ezami akkurat tad-deposizzjonijiet moghtija, wiehed jinnota illi deposizzjoni moghtija mill-ufficcjali kienet wahda korroborata u mhux kontradetta.

Min-naha tieghu r-rikorrent wiegeb illi l-aggravji tal-intimata huma bazati sostanzjalment fuq l-allegazzjoni li sar apprezzament hazin tal-fatti mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

Illi gie rilevat li fid-decizjoni tieghu, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma ghamilx zball fil-ligi u lanqas zball fil-fatti.

**<u>Fatti fil-Qosor.</u>**

i. Fit-23 ta' Awissu, 2013 ufficjali tal-Awtorita waqqfu l-vann HMY 216 gewwa Triq ix-Xatt, Gzira u akkuzaw lix-xufier li kien waqaf fuq *bus stop* u ghabba hamsa min-nies minn fuqha.
ii. L-Awtorita appellanti harget tahrika lil Mario Zaffarese u akkuzatu: *"Talli nhar it-23 t'Awissu 2013 fi Triq ix-Xatt, Gzira kont qed issuq vettura ghall-garr tal-passiggieri li bhala xufier tal-vettura HMY 216 qieghed jew haddimt l-imsemmija vettura regolarment ghall-kiri, u dan bi ksur tar-regolament"*.
iii. Fit-23 ta' Settembru 2013 l-appellat instab hati u giet imposta fuqu penali amministrattiva ta' hames mitt ewro (€500) u hamsin punt (50), u dan minhabba li l-appellat bhala *"xufier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HMY216 qieghedt jew haddimt l-imsemmija vettura regolarment ghall-kiri"*, u dan skont l-istess Awtorita' sar bi ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56).

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

1. Ir-regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni

Sussidjarja 499.56) jistipula kif gej:

*"(1) L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri:*

*Iżda l-ferroviji mingħajr binarji u l-electric trolley vehicles jitħallew jistennew biex jinkrew f'post ta' tluq approvat mill-Awtorità.*

*(2) Is-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji u b'electric trolley vehicles, jistgħu jinbiegħu biss minn gabbani awtorizzati, minn postijiet kummerċjali awtorizzati, mill-uffiċini tal-operatur jew miċ-ċentru minn fejn jopera l-operatur, online, bit-telefown jew bil-posta.*

*(3) L-ebda persuna m'għandha –*
*(a) tbiegħ, jew*
*(b) iġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tbiegħ*

*servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji u b'electric trolley vehicles, bi ksur tad-dispożizzjoni tas-subregolament (2).*

*(4) Ebda persuna m'għandha tiffitta, sew jekk direttament sew jekk indirettament, persuna f'xi post biex tuża servizz ta' ġarr tal-passiġġieri."*

2. Essenzjalment l-Awtorita' appellanti qeghda tilmenta illi fid-decizjoni t-Tribunal ghamel apprezzament hazina tal-fatti u zbaljata tal-ligi.

3. Fis-succint it-Tribunal ma qabilx illi mill-provi (bhal *prime note* Dok CF1 fol 45) gie ppruvat ksur tar-Regolament hawn fuq citat. It-Tribunal jispjega hekk dwar l-iskop ta' dan ir-Regolament (pagna 5 tas-sentenza appellata):

*"L-intenzjoni tal-Legislatur wara dan il-provvediment appena citat kienet illi l-vetturi ghall-garr tal-passiggieri m'ghandhomx jitqieghdu ghall-kiri minghajr ma jkunu gew ingaggati ghal servizzi partikolari b'avviz minn qabel."*

L-Awtorita' appellanti izda ma taqbilx ma dan l-interpretazzjoni – fil-fatt fir-rikors tal-appell qalet (fol. 3),

*"Dak li ried il-legislatur hu li hadd ma jista' jaghmel uzu mill-Bus stops, hlief dawk il-vetturi intizi ghal garr fit-Trasport Pubbliku."*

Izda dan ma jirrizultax minn qari tar-regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56).

Inoltre, din in il-Qorti ma tistax tifhem l-insistenza da parti tal-Awtorita' appellata fir-rikors appell fuq in-numru ta' passiggiera li kien hemm abbord il-vettura in kwistjoni. Dan il-fatt wahdu bl-ebda mod ma jincidi fuq l-ezitu tal-kawza odjerna.

4. Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-elenku ta' nuqqasijiet li rrileva t-Tribunal fid-decizjoni tieghu da parti tal-appellanti, bhal per ezempju:

   (i) Nuqqas da parti tal-ufficcjali tal-Awtorita' milli jistaqsu lil persuni passigiera fuq il-vettura *de quo,* ghall-konferma tal-fatti (ara pagna 6 tas-sentenza appellata),

   *"Illi dan it-Tribunal josserva illi l-ufficjali tal-Awtorita' intimata meta waqqfu lir-rikorrent ma staqsewx lill-istess persuni xi ftehim kien hemm mar-rikorrent biex hu jwassluhom fid-destinazzjoni taghhom. Dan it-Tribunal iqis li din kienet l-inqas haga li setghu jaghmlu biex jivverifikaw ezatt il-fatti. Il-fatt wahdu li r-rikorrent tella' lill-istess persuni minn fuq il-bus stop ma jgibx mieghu is-sanzjoni ai termini tar-Regolament 42. Ikun hemm ksur ta' tali regolament jekk jigi ppruvat illi l-persuna li tkun qed issuq il-van tkun ghabbiet lil xi persuni minghajr ma tkun giet ingaggata biex taghti tali servizz b'avviz minn qabel. Min dan kollu ma rrizulta xejn."*

   Il-qorti taqbel mar-ragunament tat-Tribunal.

   (ii) Nuqqas da parti tal-ufficcjali tal-Awtorita' milli jiehdu xi ritratti dak il-hin stess (pagna 6 tas-sentenza appellata),

   *"Dan apparti l-fatt li lanqas hemm qbil li l-passiggiera fil-fatt tghabbew minn fuq bus stop. Fir-rigward, l-inqas haga li setghu jaghmlu l-ufficjali tal-Awtorita' li kienu mill-inqas tnejn, kien li a temp vergine, jiehdu imqar ritratt tal-vann fuq il-bus stop."*

   Fir-realta' din ma kinitx prova essenzjali. Il-waqfien fuq bus stop m'ghandha x'taqsam xejn mal-akkuza li saret mill-Awtorita appellanti.

5. Fir-rikors tal-appell l-Awtorita' appellata tinterpreta dawn l-osservazzjonijiet mit-Tribunal bhala inverzjoni ta' prova. Fil-fehma tal-qorti dan

6. Din il-Qorti ma taqbilx. L-akkuza saret mill-Awtorita appellanti. Mela, l-oneru tal-prova kien fuqha.

7. Bil-kontra din il-Qorti tinnota illi t-Tribunal kien car hafna ghaliex huwa esiga li jsiru dawn il-provi (pagna 6 tas-sentenza appellata),

   *"Illi t-Tribunal irid jenfasizza illi l-Awtorita' intimata trid tifhem u tapprezza li l-imposizzjoni ta' penali u multi amministrattivi ghandhom piz dirett fuq jekk jigix revokat jew le l-permess ta' xufier, liema permess hafna drabi jfisser il-hobza ta' kuljum tieghu. Ghalhekk, id-decizjonijiet li l-Awtorita' tiehu jridu jkunu sostanzjati b'evidenza konklussiva li jwasslu lil dan it-Tribunal jikkonvinci ruhu li l-infarazzjoni fil-verita' sehhet."*

8. It-Tribunal enfasizza l-fatt illi l-konsegwenzi serji fuq l-impjieg tal-appellat kien jinkombi fuq l-Awtorita' appellanti d-dover li timxi b'kawtela specjali u b'skrutinju tal-fatti sabiex tassikura li ma ssirx ingustizzja mal-appellat.

9. Illi minhabba dawn in-nuqqasijiet da parti tal-Awtorita' appellata t-Tribunal gustament u ragonevolement ikkonkluda li ma kienx gie ppruvat fil-mori tal-kawza ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passigieri da parti tal-appellat (pagna 6 tas-sentenza appellata),

   *"Illi ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita' intimata kienet zbaljata meta imponiet il-penali amministrattiva u l-punti ta' penali fuq ir-rikorrent ghaliex mill-provi li gew prodotti quddiem dan it-Tribunal, l-istess Awtorita' ma setatx tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom la darba ma giex ippruvat b'mod sodisfacenti li r-rikorrent kien fil-fatt ghabba lill-istess passiggieri bi ksur tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri."*

10. Ghaldaqstant minn ezami tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passigieri fid-dawl tal-provi migbura fil-mori tal-kawza jirrizulta illi t-Tribunal wasal ghal decizjoni gusta u ragonevoli u ghalhekk l-aggravji mressqa mill-Awtorita' appellanti qeg jigu michuda.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.